



Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13975/22

ENV 1060
AGRI 577
FORETS 104
PECHE 416
POLMAR 67
PI 138
ONU 125
RECH 562
CADREFIN 187

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Ottubru 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13784/1/22 REV 1

Suġġett: Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):

- Il-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-KDB
 - L-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 10)
 - Ir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP 4)
 - (Montreal, il-Kanada, 7–19 ta' Diċembru 2022)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3903 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ottubru 2022.

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):

Tħejjija tal-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-KDB

Tħejjija tal-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 10)

Tħejjija tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP- MOP 4)

(Montreal, il-Kanada, 7–19 ta' Diċembru 2022)

- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- Il-Popli indigeni¹;
- Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika: Tħejjija tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-KDB, Tħejjija tad-Disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosikurezza (COP-MOP 9), Tħejjija tat-Tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (COP-MOP 3)²
- L-Oċeani u l-Ibhra³;

¹ ST 8814/17.

² ST 12948/18.

³ ST 14249/19.

- "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent"⁴;
- It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja⁵;
- Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità (GBF) wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)⁶;
- L-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt⁷;
- Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urgenti⁸;
- Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku⁹;
- Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni¹⁰;
- Il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021¹¹;
- L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030¹²;
- Id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow¹³;

⁴ ST 14594/19.

⁵ ST 15151/19.

⁶ ST 15272/19 + COR 1.

⁷ ST 12099/20.

⁸ ST 12210/20.

⁹ ST 13852/20.

¹⁰ ST 6941/21.

¹¹ ST 9335/21.

¹² ST 13537/21.

¹³ ST 6120/22.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-KDB u l-Protokolli tagħha u FILWAQT LI JINSAB ALLARMAT FERM dwar it-telf kontinwu tal-bijodiversità u l-konsegwenzi għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema u l-benesseri tal-bniedem kif enfasizzat fil-ħames *Global Biodiversity Outlook* (Perspettiva Globali dwar il-Bijodiversità) (GBO-5),¹⁴ ir-rapporti maħruġa mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES)¹⁵, il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)¹⁶ u l-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi (IRP)¹⁷, U FILWAQT LI JENFASIZZA l-konverġenza qawwija tagħhom dwar il-kriżijiet globali interdipendenti tat-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, it-tibdil fil-klima, u t-tniġġis, u l-ħtieġa għal bidla urġenti u trasformattiva, peress li s-sitwazzjoni ser tkompli taggrava b'konsegwenzi x'aktarx irriversibbli taħt xenarji ta' żamma tal-istatus quo;

¹⁴ Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (2020) *Global Biodiversity Outlook 5*. Montreal.

¹⁵ Eż. IPBES (2019): *Global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*, IPBES (2022): *Thematic assessment of the sustainable use of wild species of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*, IPBES (2022): *Methodological assessment of the diverse values and valuation of nature of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*.

¹⁶ *Sixth Assessment Report, The Ocean and Cryosphere in a Changing Climate, The Climate Change and Land, The Global Warming of 1.5°C*.

¹⁷ IRP (2019). *Global Resources Outlook 2019: Natural Resources for the Future We Want*.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI bħala rilevanti ħafna u ta' appoġġ reċiproku l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, id-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema, u d-Deċennju tan-NU dwar l-Oċeani; u FILWAQT LI JILQA' l-adozzjoni tar-riżoluzzjonijiet¹⁸ matul il-ħames sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA5) biex "Jintemm it-tniġġis tal-plastik: lejn strument internazzjonali legalment vinkolanti", dwar "It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari bħala kontribut għall-kisba ta' konsum u produzzjoni sostenibbli", dwar "Ġestjoni sostenibbli tan-nitroġenu", dwar "Ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart", u dwar "Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli", li jipprovdu definizzjoni maqbula internazzjonalment ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; FILWAQT LI JILQA' wkoll ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar "Id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli"¹⁹ u d-Dikjarazzjoni Politika "L-Oċean Tagħna, il-Futur tagħna, ir-responsabbiltà tagħna" adottata fit-Tieni Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani, li saret f'Liżbona f'Ġunju-Lulju 2022.

FILWAQT LI JIKKUNDANNA bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, peress li tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u qed tikkawża telf massiv ta' ħajjiet u korrimenti inkluż liċ-ċivili kif ukoll degradazzjoni ambjentali fit-tul, tniġġis u riskju għall-bijodiversità u l-ekosistemi, teqred il-ħabitats naturali kif ukoll żoni protetti inkluż dawk għal speċijiet rari u fil-periklu b'mod partikolari bi ksur tal-KDB u ddewwem l-azzjoni tant meħtieġa biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u r-restawr tan-natura; FILWAQT LI JENFASIZZA li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha effetti serji fuq l-ekonomija u s-sigurtà tal-ikel minbarra li timmina s-sigurtà u l-istabbiltà globali; din għandha tiġi indirizzata b'mod urġenti b'miżuri u azzjonijiet ta' rispons b'saħħithom mill-komunità internazzjonali; FILWAQT LI JITLOB li r-Russja twaqqaf immedjatament l-azzjonijiet militari tagħha u JIPPROMWOVI li r-Russja tinżamm responsabbli, fost affarijiet oħra, għall-ħsara lill-bijodiversità u l-ekosistemi fl-Ukrajna;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-implimentazzjoni ta' ekonomija ċirkolari hija essenzjali biex jinkisbu xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli li jikkontribwixxu għall-indirizzar tat-telf tal-bijodiversità globali, it-tibdil fil-klima, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-ekosistema, l-istress idriku, it-tniġġis u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem;

¹⁸ UNEP/EA.5/Res.2, Res.5, Res.7, Res.11 and Res.14.

¹⁹ Riżoluzzjoni A/RES/76/300.

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-approċċ prekawzjonarju, inkluż fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, għall-KDB u l-protokollu tagħha u l-implimentazzjoni tiegħu fil-livelli kollha;

Kapitolu I – Il-Qafas Globali tal-Bijodiversità għal wara l-2020, Kwistjonijiet Relatati u Mekkaniżmi għat-Tisħiħ tal-Implimentazzjoni

1. JAPPELLA għall-adozzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020 ambizzjuż, komprensiv u trasformattiv b'missjoni ċara, konċiża u motivazzjonali li tkun faċli biex tiġi kkomunikata, biex tiskatta azzjoni urġenti u trasformattiva biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità għall-kisba ta' dinja li tirrispetta n-natura sal-2030;
2. HUWA IMPENJAT li jadotta għanijiet fit-tul għall-2050 ambizzjużi u, kull fejn possibbli, miżurabbli u marbuta biż-żmien, eżiti intermedji fl-2030 u miri orjentati lejn l-azzjoni għall-2030 li jindirizzaw b'mod effettiv u simultanju l-ixpruni diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità u jmorru lil hinn mill-ambizzjoni tal-miri tal-bijodiversità ta' Aichi, appoġġati minn mekkaniżmu ta' implimentazzjoni b'saħħtu u msaħħa u qafas ta' monitoraġġ robust b'indikaturi rispettivi;
3. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-elementi u l-azzjonijiet li ġejjin, fost l-oħrajn, jiġu inklużi fl-għanijiet u l-miri:
 - Sal-2030, il-konservazzjoni effettiva ta' mill-inqas 30 % tal-art globali u mill-inqas 30 % tal-oċeani, speċjalment żoni ta' importanza partikolari għall-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, permezz ta' networks ġestiti b'mod effettiv u rregolati b'mod ekwu, ekoloġikament rappreżentattivi u konnessi tajjeb, ta' żoni protetti kif ukoll miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona²⁰, li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

²⁰ Kif definit f'CBD/COP/DEC/14/8.

- Sal-2030, it-tisħiħ tal-azzjoni għar-restawr effettiv tal-ekosistemi degradati sabiex il-bijodiversità titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru, filwaqt li jitqiegħdu taħt restawr 3 biljun ettaru ta' art degradata u ekosistemi tal-ilma ħelu u 3 biljun ettaru ta' ekosistemi tal-oċeani, inkluż ekosistemi u ħamrija rikki fil-karbonju, it-tisħiħ tal-integrità u l-konnettività tal-ekosistema, l-ispazji ekoloġiċi u blu, kif ukoll il-bijodiversità fiż-żoni urbani;
- Sal-2030, l-eliminazzjoni tal-ħsad, il-kummerċ u l-użu illegali, mhux sostenibbli jew mhux sikur tal-ispeċijiet selvaġġi, filwaqt li jittieħdu azzjonijiet ambizzjużi għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet, inkluż azzjonijiet biex jittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet mhedda;
- Sal-2030, it-twaqqif tal-estinzjonijiet ikkawżati mill-bniedem ta' speċijiet mhedda magħrufa u sal-2050 l-estinzjonijiet kollha kkawżati mill-bniedem, biex jitnaqqas ir-riskju ta' estinzjoni, kif ukoll tiġi salvagwardjata u miżmuma d-diversità ġenetika u l-potenzjal ta' adattament tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet selvaġġi u domestiċi;
- Sal-2030, l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura²¹, filwaqt li jiġu żgurati s-salvagwardji soċjali u ambjentali tagħhom u jissaħħu l-benefiċċji multipli tagħhom;
- Sal-2030, it-tnaqqis tal-livelli u r-riskji ta' tniġġis mis-sorsi kollha, inkluż mis-sustanzi kimiċi, in-nutrijenti u l-pestiċidi u sustanzi oħra, speċjalment sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u t-tniġġis akustiku u tad-dawl, għal livelli li mhumiex ta' ħsara għall-bijodiversità, għall-funzjonijiet tal-ekosistema u għas-saħħa tal-bniedem, l-istabbiliment ta' miri numeriċi ta' tnaqqis għan-nutrijenti u l-pestiċidi, u t-tmiem tat-tniġġis mill-plastik;
- Sal-2030, il-ġestjoni tal-mogħdijiet għall-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni, il-prevenzjoni tal-introduzzjoni u l-istabbiliment tal-ispeċijiet aljeni invażivi kollha ta' prijorità, it-tnaqqis tar-rata ta' introduzzjoni u l-istabbiliment ta' speċijiet aljeni invażivi, u l-qerda jew il-kontroll tal-ispeċijiet aljeni invażivi diġà stabbiliti biex jitnaqqsu l-impatti tagħhom fuq il-bijodiversità;

²¹ Kif definit fir-Riżoluzzjoni tal-UNEA "Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli" (UNEP/EA.5/Res.5).

- Sal-2030, il-ġestjoni sostenibbli taż-żoni kollha taħt użi produttivi li jippromwovu l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji agroekoloġiċi u prattiki rilevanti oħra favur il-bijodiversità fuq skala sinifikanti b'miri numeriċi stabbiliti, fost l-oħrajn billi jtejbu b'mod sinifikanti l-istatus tal-pollinaturi u l-bijodiversità tal-ħamrija u jikkontribwixxu għall-produttività, l-effiċjenza tar-riżorsi u r-reżiljenza fit-tul ta' dawn is-sistemi, jikkonservaw u jirrestawraw il-bijodiversità u jżommu s-servizzi tal-ekosistema;
 - Sal-2030, l-indirizzar tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-baħar li jaffettwa b'mod negattiv il-bijodiversità fl-ekosistemi kollha kif ukoll iż-żamma tal-ekosistemi eżistenti intatti, kritiċi u mhedda, u l-minimizazzjoni ta' telf ta' żoni oħra ta' valur għoli tal-bijodiversità;
4. JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali tal-implimentazzjoni sħiħa tal-GBF fil-livelli kollha, biex tiġi stimulata l-azzjoni mill-Gvernijiet u s-soċjetà kollha, u fis-sistema kollha tan-NU; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Aġenda għal Azzjoni minn Sharm El-Sheikh sa Kunming għan-Natura u n-Nies għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-GBF u JILQA' B'SODISFAZZJON l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' appoġġ biex jissaħħu l-implimentazzjoni, ir-responsabbiltà u t-trasparenza;
5. JINNOTA B'APPREZZAMENT l-għadd sinifikanti ta' pajjiżi li impenjaw ruħhom li jregġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità sal-2030 billi approvaw il-Wegħda tal-Mexxejja għan-Natura, jew ingħaqdu mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Kbira għan-Natura u għan-Nies, l-Alleanza Globali għall-Oċeani, il-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Kbira dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali jew il-Mexxejja Blu; JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rwol katalitiku ta' dawn il-koalizzjonijiet u oħrajn rilevanti fir-rigward tal-ambizzjonijiet kbar fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas u JISTIENEN lill-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan biex jingħaqdu ma' dawn il-koalizzjonijiet;

6. JISĦAQ fuq l-importanza tal-għarfien tradizzjonali, l-innovazzjonijiet u l-prattiki sostenibbli tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali inkluż permezz tal-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom b'kunsens liberu, u infurmat minn qabel, u JIRRIKONOXXI d-drittijiet tal-IPLCs, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, meta jiżviluppaw u jimplementaw il-GBF;
7. JISSOTTOLINJA li l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-gvernijiet sottonazzjonali, il-bliet u awtoritajiet lokali oħra, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-gruppi tan-nisa, il-gruppi taż-żgħażaġħ, il-komunità kummerċjali u finanzjarja, il-komunità xjentifika, id-dinja akkademika, ir-rappreżentanti ta' setturi relatati mal-bijodiversità jew dipendenti minnha, iċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħra, b'rikonoxximent dovut tar-rwoli rispettivi tagħhom, hija kruċjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-qafas;
8. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ ir-rabta bejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem, l-ekwità interġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-approċċi bbażati fuq id-drittijiet u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-GBF; u JAPPELLA għall-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2020;

Informazzjoni b'sekwenza diġitali dwar ir-riżorsi ġenetiċi

9. Filwaqt li JIKKONFERMA r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' soluzzjoni għall-kwistjoni ta' "informazzjoni b'sekwenza diġitali dwar ir-riżorsi ġenetiċi" (DSI); JENFASIZZA li kwalunkwe soluzzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq Prattiki eżistenti fil-bażijiet tad-data, jenħtieġ li tippreserva l-aċċess miftuħ għad-DSI mill-bażijiet tad-data pubbliċi u tintegra l-bini tal-kapaċità, tkun Prattika, implimentabbli faċilment, tiżgura ċ-ċertezza u ċ-ċarezza tad-dritt, tiġġenera aktar benefiċċji milli spejjeż, tkun ta' appoġġ reċiproku ma' strumenti oħra tal-ABS, u tiżgura li l-benefiċċji kondiviżi jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u tappoġġa l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti;

Mobilizzazzjoni tar-riżorsi u l-mekkaniżmu finanzjarju

10. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi dedikata, prevedibbli u adegwata għall-bijodiversità;
11. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien żammew l-impenn preċedenti tagħhom li jirdupjaw il-flussi finanzjarji għall-bijodiversità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-ekonomiji fi tranżizzjoni sal-2015, u li jżommu dak il-livell sal-2020; IFAKKAR fl-impenn tal-Kummissjoni Ewropea biex l-UE tirdoppja l-finanzjament estern għall-bijodiversità b'mod partikolari għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u JFAKKAR li l-Istati Membri tal-UE flimkien huma l-akbar kontributur għall-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) u li r-riforniment tal-GEF8 ser iżid il-finanzjament internazzjonali għall-bijodiversità b'mod sostanzjali;
12. JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ l-effiċjenza tar-riżorsi disponibbli u li jiġu mobilizzati riżorsi ġodda u addizzjonali mis-sorsi kollha biex jiġi implimentat il-GBF, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-pajjiżi kollha jimmobilizzaw riżorsi finanzjarji addizzjonali sabiex jingħalaq id-distakk finanzjarju globali għall-bijodiversità permezz ta':
 - L-allinjament tal-flussi finanzjarji kollha mal-objettivi tal-GBF u l-prova tar-reżistenza tal-bijodiversità tal-flussi finanzjarji rilevanti kollha, sabiex jiġi evitat li jkun hemm impatti negattivi fuq il-bijodiversità, u fejn ikun possibbli, jiġu prodotti kobenefiċċji għaliha;
 - L-identifikazzjoni sal-2025, l-eliminazzjoni u r-ridirezzjoni sal-2030 tal-inċentivi li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, inkluż is-sussidji, sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tagħhom, u jiżdiedu l-inċentivi pożittivi u l-istrumenti ekonomiċi;
 - Żieda fil-finanzjament kemm domestiku kif ukoll internazzjonali għall-bijodiversità, f'konsistenza mal-ambizzjoni tal-GBF, inkluż permezz ta':
 - o It-tiżni tal-GEF bħala l-mekkaniżmu finanzjarju tal-KDB, li jiżgura l-kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-bijodiversità u l-implimentazzjoni effettiva tal-GBF;

- Impenn qawwi tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali pubbliċi u privati, inkluż il-banek multilaterali tal-iżvilupp, biex tissaħħaħ aktar l-azzjoni ambizzjuża dwar il-bijodiversità, biex tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat, biex jiġu appoġġati r-riformi regolatorji permezz tal-iżvilupp ta' strumenti adegwati, u biex jiżded u jiġi żvelat il-finanzjament tagħhom għan-natura, filwaqt li jiġu mwieġha kontribuzzjonijiet konkreti għall-finanzjament tal-bijodiversità internazzjonali mill-Konferenza tal-Partijiet 15.2 għall-KDB.;
- Sinerġiji akbar mal-azzjoni klimatika, inkluż b'finanzjament akbar destinat għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji multipli tagħhom għan-natura, il-klima u n-nies;
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet Nazzjonali ta' Finanzjament għall-Bijodiversità (NBFP) jew strumenti simili allinjati mal-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs);

Tisħiħ tal-kapaċitajiet, kooperazzjoni teknika u xjentifika, ġestjoni tal-għarfien u komunikazzjoni

13. JENFASIZZA li t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, it-trasferiment tat-teknoloġija, il-kooperazzjoni teknika u xjentifika u l-ġestjoni tal-għarfien huma għodod ta' prijorità għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-GBF u li l-komunikazzjoni, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni pubblika, il-ġenerazzjoni u l-ġestjoni tar-riċerka u l-għarfien jeħtieġ li jissaħħu u JAPPELLA għall-adozzjoni ta' qafas strateġiku fit-tul għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lil hinn mill-2020, komponent ta' ġestjoni tal-għarfien u Strateġija ta' Komunikazzjoni għall-GBF;
14. JENFASIZZA l-ħtieġa għal ċentri reġjonali għall-kooperazzjoni teknika u xjentifika, it-trasferiment tat-teknoloġija u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u JILQA' t-tħejjijiet għall-istabbiliment ta' Ċentru tal-Għarfien dwar il-Bijodiversità Globali;

Mekkaniżmi għall-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u r-rieżami

15. JAPPELLA għall-adozzjoni fil-COP 15 ta' mekkaniżmu b'saħħtu u msaħħaħ għall-ippjanar, ir-rappurtar u r-rieżami flimkien ma' qafas ta' monitoraġġ robust b'indikaturi ewlenin biex tiġi żgurata u msaħħa l-implimentazzjoni u jitrawwem l-impenn politiku filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u s-sovrapożizzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti oħra; dan jinkludi:
- Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) aġġornati jew riveduti bħala l-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-KDB fil-livell nazzjonali li għandhom jiġu allinjati mal-għanijiet u l-miri tal-GBF fil-ħin għall-konsiderazzjoni mill-COP 16;
 - Miri nazzjonali bħala parti mill-NBSAPs jew separati, irrappurtati jew ikkomunikati skont mudell miftiehem;
 - Rapporti nazzjonali dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni f'konformità mal-mudelli maqbula, bl-użu ta' indikaturi ewlenin, komponenti u komplementari tal-qafas ta' monitoraġġ, u indikaturi oħra;
 - Valutazzjoni tal-livell ta' ambizzjoni kollettiva bbażata fuq miri nazzjonali u l-impjenji volontarji minn atturi mhux statali;
 - Proċess trasparenti u f'waqt ta' rendikont globali, b'parteċipazzjoni politika ta' livell għoli, għall-valutazzjoni tal-ambizzjoni kollettiva u l-progress fl-implimentazzjoni tal-GBF segwit minn fażi ta' rispons biex jiżdedu l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni nazzjonali fejn meħtieġ;
 - Mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni ta' impjenji volontarji ta' atturi mhux statali;
 - Mekkaniżmi ta' appoġġ, bħal dawk żviluppanti mill-UNEP-WCMC biex jiġbru flimkien informazzjoni, għodod u approċċi biex jappoġġaw lill-Partijiet fil-monitoraġġ u t-traċċar tal-progress fuq il-miri,
16. HUWA IMPENJAT li jipprijoritizza l-assistenza għal attivitajiet ta' tisħiħ u żvilupp tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tal-GBF b'enfasi fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-NBSAPs, l-NBFP, u fuq ir-rappurtar u r-rieżami;

Kooperazzjoni ma' konvenzjonijiet oħra u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

17. JENFASIZZA li l-GBF għandu jservi bħala l-qafas globali għal azzjoni mill-Partijiet kollha, pajjiżi, aġenziji u organizzazzjonijiet oħra, konvenzjonijiet, ftehimiet u proċessi inkluż fis-sistema kollha tan-NU, kif ukoll mill-IPLCs u l-partijiet ikkonċernati kollha biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, biex b'hekk tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti tal-obiettivi tal-bijodiversità u jitrawmu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji fost l-atturi kollha involuti, tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Protokoll ta' tagħha lejn il-kisba tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha;
18. JENFASIZZA b'mod partikolari l-hteġa li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet relatati mal-bijodiversità biex timxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-GBF u l-monitoraġġ tiegħu fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, filwaqt li tinkoraġġixxi deċiżjonijiet ta' appoġġ reċiproku, tallinja l-istrateġiji mal-GBF u tavvanza d-diskussjonijiet tematiċi dwar kwistjonijiet ewlenin bħall-muturi komuni tat-telf tal-bijodiversità;
19. JENFASIZZA l-hteġa li jsir użu sħiħ mir-rapporti rilevanti mill-IPBES u l-IPCC u JINKORAĠĠIXXI attivitajiet konġunti futuri bejn dawn iż-żewġ korpi;

L-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi u bejniethom

20. JENFASIZZA l-importanza kritika tal-integrazzjoni tal-bijodiversità fil-politiki u s-setturi kollha u bejniethom; JAPPELLA għall-adozzjoni tal-approċċ strateġiku fit-tul għall-integrazzjoni tal-bijodiversità u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvernijiet Sottonazzjonali, il-Bliet u Awtoritajiet Lokali Oħra għall-Bijodiversità skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (2021-2030);
21. HUWA IMPENJAT li jmexxi bl-eżempju billi jintegra bis-sħiħ il-bijodiversità fil-pjanijiet u l-politiki settorjali u transsettorjali rilevanti kollha fil-livelli tal-UE, nazzjonali u lokali, filwaqt li jiżgura approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha;

22. JITLOB l-adozzjoni ta' qafas li jiżgura:

- L-integrazzjoni tal-objettivi tal-bijodiversità fil-livelli kollha tal-gvern u fis-setturi kollha sal-2030, b'mod partikolari fl-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-akkwakultura, il-finanzi, it-turiżmu, is-saħħa, il-manifattura, l-infrastruttura, l-enerġija u l-estrazzjoni, inkluż billi jiġu integrati l-valuri multipli tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema, u jiġu evitati impatti negattivi fuq il-bijodiversità tul il-katina tal-valur kollha, inkluż fl-istadji kollha tal-produzzjoni, il-kummerċ u l-konsum, fil-kontinjet nazzjonali u tan-negozju u fil-politiki u l-investimenti kollha, u jiżdiedu l-impatti pożittivi;
- L-eliminazzjoni ta' xejriet ta' konsum, kummerċ u produzzjoni mhux sostenibbli, filwaqt li tiġi appoġġata bidla globali lejn ekonomija ċirkolari, inkluż billi titnaqqas bin-nofs il-ħela globali tal-ikel per capita, u billi titnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta ekoloġika globali sal-2030 u tinġieb fil-limiti planetarji sa mhux aktar tard mill-2050;
- Li l-prattiki kollha tal-estrazzjoni u tal-produzzjoni, l-akkwist u l-ktajjen tal-provvista, u l-użu tar-riżorsi naturali jkunu sostenibbli; u
- Li n-negozji u l-istituzzjonijiet finanzjarji jivvalutaw, jirrappurtaw u jiddivulgaw ir-riskji, l-impatti u d-dipendenzi tagħhom fuq il-bijodiversità, kif ukoll jevitaw, inaqqsu u jimmitigaw tali riskji u impatti negattivi;

Kapitolu II - Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika – Kwistjonijiet Ulterjuri

Bijodiversità Marittima u Kostali

23. Ifakkar li r-risoluzzjoni 72/73 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti taferma mill-ġdid li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tistabbilixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċean u l-ibħra;
24. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-ambjent tal-baħar permezz ta' miżuri effettivi ta' konservazzjoni u ġestjoni sostenibbli, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà sħiħa tal-produzzjoni tal-ikel mill-baħar u l-akkwakultura, inkluż billi jintemmu s-sajd eċċessiv u l-prattiki tas-sajd distruttivi, jiġu eliminati s-sussidji dannużi għas-sajd, jintemm is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), jiġu minimizzati l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi (inkluż ċetaċċi protetti u/jew mhedda, għasafar tal-baħar, fkieren, klieb il-baħar) u l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet żgħar u mhux fil-mira;
25. JILQA' B'SODISFAZZJON il-progress fl-istabbiliment, il-ġestjoni effettiva u t-titjib tal-governanza ta' żoni tal-baħar u kostali protetti, ekoloġikament rappreżentattivi u konnessi sew u miżuri ta' konservazzjoni effettivi oħra, ibbażati fuq informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti;
26. JILQA' B'INTERESS aktar diskussjonijiet dwar iż-Żoni tal-Baħar Ekoloġikament u Bijoloġikament Sinifikanti (EBSAs) bil-ħsieb li tiġi ffinalizzata b'suċċess il-proċedura riveduta għall-identifikazzjoni tal-EBSAs f'konformità mal-UNCLOS; JISSOTTOLINJA li l-eżitu tal-proċess tal-EBSA għandu jirrispetta bis-sħiħ is-sovrani, id-drittijiet sovrani jew il-ġurisdizzjoni tal-istat kostali kif previst mill-UNCLOS; JAPPOĠĠA l-inklużjoni tar-rapporti ta' sinteżi tas-sessjoni ta' ħidma dwar l-EBSAs fl-Atlantiku tal-Grigal;

27. JISĦAQ fuq l-urġenza ta' azzjonijiet għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar u biex jitnaqqsu l-pressjonijiet antropoġeniċi fuq l-oċeani, inkluż mis-sajd eċċessiv, it-tibdil fl-użu tal-baħar, it-tniġġis, bħal dawk minħabba nutrijenti żejda, sustanzi perikolużi u plastik, kif ukoll storbju taħt l-ilma; b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-oċeani fil-konfront tat-tibdil fil-klima, inkluż fir-reġjuni polari sensitivi fejn it-tibdil fil-klima huwa amplifikat, u jhedded is-soċjetà u l-ekosistemi tal-bniedem, u filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol fundamentali tal-oċeani fir-rigward tat-tibdil fil-klima;
28. JINNOTA l-progress deċiżiv miksub matul l-ewwel parti tal-5 Sessjoni tal-Konferenza Intergovernattiva (IGC-5) dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali ("BBNJ"); JAPPELLA biex jergġhu jibdew malajr in-negozjati u JTENNI l-impenn li juża l-ingranaġġ diplomatiku u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni kollha tal-UE bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ambizzjuż u effettiv mingħajr dewmien;
29. JENFASIZZA l-importanza tal-konservazzjoni u l-irkupru tal-ħabitats kostali, inkluż billi jiġu appoġġati Prattiki ta' ġestjoni sostenibbli;

Speċijiet eżotiċi invażivi

30. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet għall-KDB biex iżidu l-kollaborazzjoni u jkomplu l-ħidma fuq metodi, għodod, miżuri u strateġiji dwar l-ispeċijiet eżotiċi invażivi sabiex jitnaqqsu l-impatti tagħhom fuq il-bijodiversità;

Il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima

31. JENFASIZZA li l-azzjoni klimatika u l-protezzjoni tal-bijodiversità għandhom jimxu id fid biex jiġi minimizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità, biex jitrawwem il-kontribut tal-ekosistemi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, u biex jiġu evitati impatti negattivi fuq il-bijodiversità minn azzjonijiet u miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima; JIBQA' IMPENJAT BIS-SĦIĦ biex isaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn l-istrumenti u l-proċessi rilevanti u biex ikompli jżid is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, filwaqt li jiżgura s-salvagwardji soċjali u ambjentali tagħhom, għal kobenefiċċji ta' tisħiħ reċiproku għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità;

Il-bijodiversità u l-ħamrija

32. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-bijodiversità tal-ħamrija għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima kif ukoll għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, għal kulħadd u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet għall-KDB biex jintegraw il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-ħamrija fil-prattiki agrikoli, l-ippjanar tal-pajsaġġ, il-ġestjoni tal-art u tal-ħamrija, il-programmi ta' żvilupp u politiki rilevanti oħra.

Il-bijodiversità u s-saħħa

33. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti li jiġi promoss u implimentat aktar l-approċċ "Saħħa Waħda"²², inkluż permezz tal-integrazzjoni tar-rabtiet tal-bijodiversità u s-saħħa fil-politiki u s-setturi kollha u bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha, u JAPPOĠĠA aktar żvilupp u l-adozzjoni fil-COP 16 ta' Pjan ta' Azzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Saħħa li jindirizza l-kawżi tad-degradazzjoni tal-ekosistema u tal-bijodiversità u l-konsegwenzi tagħhom fuq is-saħħa u l-benesseri tal-persuni, l-annimali, il-pjanti u l-ambjent kondiviż tagħhom;

²² Kif definit mill-Bord ta' Esperti ta' Livell Għoli Saħħa Waħda u approvat mill-Alleanza Kwadripartitika dwar Saħħa Waħda.

Bijoloġija sintetika

34. JILQA' B'SODISFAZZJON l-iżvilupp u l-istabbiliment ta' proċess wiesa' u regolari ta' analiżi tal-prospettivi, monitoraġġ u valutazzjoni tal-aktar żviluppi teknoloġiċi reċenti fil-bijoloġija sintetika, u JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' Grupp Ad Hoc ta' Esperti Tekniċi multidixxiplinari (AHTEG multidixxiplinari) bħala opzjoni ppreferuta;
35. JENFASIZZA l-importanza li jiġu applikati l-approċċ prekawżjonarju u l-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' organiżmi li fihom gene drives manipulati;

Kapitolu III - Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà

36. JAPPELLA GĦALL-adozzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni għall-Protokoll ta' Kartaġena (2022-2030), ankrat fil-GBF u komplementari għalih, u JINNOTA BI TĦASSIB in-numru limitat ta' Partijiet li implimentaw bis-sħiħ il-Protokoll;
37. JAPPELLA GĦALL-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Bini tal-Kapaċità għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà u l-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya Kuala-Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens, komplementari għall-qafas strateġiku fit-tul għall-bini tal-kapaċità lil hinn mill-2020;
38. JILQA' B'SODISFAZZJON il-konklużjonijiet tar-raba' valutazzjoni u rieżami tal-Protokoll u l-evalwazzjoni finali tal-Pjan Strateġiku għall-Protokoll ta' Cartagena għall-perjodu 2011-2020; madankollu, JIDDISPJACĪH li għadd limitat biss ta' sottomissjonijiet kienu disponibbli biex titwettaq din l-analiżi u JĦEĠĠEĠ aktar lill-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena li għadhom ma ppreżentawx ir-rapport nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;
39. JILQA' B'SODISFAZZJON il-ħidma tal-Grupp Ad Hoc ta' Esperti Tekniċi (AHTEG) dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tar-Riskju kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-SBSTTA biex jiġu żviluppati materjali ta' gwida addizzjonali biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tar-riskju każ b'każ ta' organiżmi haġġin modifikati li fihom gene drives manipulati li jiffukaw kemm fuq kwistjonijiet ġenerali kif ukoll fuq applikazzjonijiet futuri fil-futur qrib;

40. JILQA' B'SODISFAZZJON ukoll il-ħidma tal-AHTEG dwar konsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, li jikkomplementaw il-gwida volontarja dwar il-valutazzjoni ta' konsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi fil-kuntest tal-Artikolu 26 tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà.
41. JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' AHTEG dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tar-Riskju bħala opzjoni ppreferuta, u JENFASIZZA li kwalunkwe materjal ta' gwida addizzjonali żviluppat għandu jkun ta' kwalità teknika u xjentifika għolja, utli u applikabbli;
42. JAPPELLA LILL-10 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll biex jittieħdu l-passi u d-deċizzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-integrazzjoni sħiħa tal-bijosigurtà fil-GBF;
43. JILQA' B'SODISFAZZJON id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur għall-Protokoll ta' Cartagena u jinkoraġġixxi lill-Partijiet kollha biex jirratifikaw dan l-istrument mill-aktar fis possibbli;

Kapitolu IV – Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom

44. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi implimentat bis-sħiħ il-Protokoll ta' Nagoya u li jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tiegħu, inkluż, fejn rilevanti, permezz tal-iżvilupp ta' miżuri standardizzati u simplifikati ta' aċċess u kondiviżjoni tal-benefiċċji b'mod partikolari biex tiġi promossa r-riċerka li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-KDB, u l-ħtieġa li jiġu appoġġati t-tiżni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet biex jinkiseb dan;
45. JAPPELLA lill-Partijiet biex iqisu kif xieraq l-importanza tar-riżorsi ġenetiċi għall-ikel u l-agrikoltura u r-rwol speċjali tagħhom għas-sigurtà tal-ikel, kif ukoll għall-każijiet ta' emerġenzi potenzjali li jheddu jew jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, filwaqt li jqisu wkoll l-iżviluppi fi strumenti u fora internazzjonali rilevanti oħra (bħall-FAO, id-WHO jew id-WIPO), meta jiżviluppaw u jimplimentaw il-leġiżlazzjoni jew ir-rekwiżiti regolatorji tagħhom dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji;

46. JENFASIZZA l-importanza li ssir disponibbli kwalunkwe informazzjoni dwar miżuri ta' aċċess u qsim tal-benefiċċji kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya għall-Punt Ċentrali ta' Koordinament tal-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji.
-